0

**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT

## IT-TIENI LEĠISLATURA

## LAQGĦA NUMRU 18 – L-ERBGĦA, 16 TA' DIĊEMBRU 2015 FIS-6.00PM

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | | |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| | | |
| Skuzati | Simon Ellul Sullivan | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 17**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil-paragrafu 2.5 għandha titneħħa "meta jitlesta x-xogħol fuq il-flyover tal-Kappara". Is-Sur Stefan Bonello Ghio ppropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson***

2.1 Kien hemm diskussjoni rigward il-locality maps. Ġiet diskussa l-visual li bagħat il-kuntrattur. Kien hemm numru ta' korrezzjonijiet. Għandha tintbagħat kopja oħra qabel ma tiġi kkonfermata.

2.2 Ġiet innutata li saret il-bankina l-ġdida fi Triq ir-Rundun. Kien hemm qbil li jsiru l-marki tal-parkeġġ f'din it-triq.

2.3 Kien hemm diskussjoni rigward l-iskema Greening Urban Areas. F'din l-iskema għandhom jiġu nklużi l-planters li hemm fi Ġnien G M Camilleri. Kien hemm qbil fuq din.

**3 Affarjiet oħra**

3.1 Kien hemm diskussjoni fuq il-bżonn li jkun hemm komunikazzjoni aħjar bejn il-Kumitat u l-Kunsill. Għanda ssir laqgħa mas-Sindku fuq din.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.10pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 12 ta' Jannar 2016 fis-6.00pm.

**Kurt Guillaumier** **Stefan Bonello Ghio**